**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 1 ta' Lulju 2025**

**Kawża Numru: 561/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**-vs-**

**Kyle Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Kyle Pace ta' tnejn u għoxrin (22) sena, iben Dorianne Pace, imwieled il-Pieta' nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn (2002), u residenti fl-indirizz numru mija u ħamsa u għoxrin (125), Flat numru erbgħa (4), Triq ir- Repubblika, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0384702L li ġie mressaq quddiemha akkużat talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn il-ħinijiet tas-sitta ta' filgħodu (06:00hrs) u s-sebgħa u nofs ta' filgħodu (07:30hrs) ġewwa l-Belt Valletta u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin:-

1. Ikkaġuna lis-sieħba preżenti jew ta' qabel **Omissis** biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 (1);

2. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħba preżenti jew ta' qabel **Omissis,** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis- saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq is-sieħba tiegħu Omissis, hekk kif iċċertifikaha Dr. Ryan Falzon (Med. Reg 4320);

3. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, naqas milli jħares xi waħda mil-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif ippreseduta mill-Maġistrat Caroline Farrugia Frendo LL.D, fosthom li ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fid-digriet datat nhar it-tlieta (03) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u/jew kif sussegwentament ġie emendat li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, lis-sieħba preżenti jew ta' qabel **Omissis,** jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

5. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, saq il-vettura ta' għamla Toyota Belta bin-numru ta' reġistrazzjoni KBM397 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imputat **Kyle Pace,** kif ukoll tordna li s-sommom mposti fuqu bħala depożitu u/jew garanzija personali jew parti minnhom, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra **Kyle Pace** a benefiċċju tal-persuna offiża u ċioe' **Omissis** u dan ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' **Omissis** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Kyle Pace** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq.

tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Kyle Pace b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-qorti ġiet mitluba ukoll sabiex f'każ ta ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi tordna lill-imsemmi **Kyle Pace** sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mall-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu konfermata wara li ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien sabiex jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-preżenza tal-avukati difensuri tiegħu, din il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qiegħed jinstab ħati, il-fedina penali tal-imputat li hija waħda netta, kif ukoll iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Qieset ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ukoll id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija u fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern mhux qegħda tinsisti fuq piena ta' priġunerija.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 202 (h)(vi), 221(1), 222(1)(a), 250(1), 251(1)(3), 251H(a), 251HA, 339(1)(e) u 579(2)(3), kif ukoll l-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament

tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda ssib lill-imputat **Kyle Pace** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

Illi fir-rigward tal-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4) u l-ħames (5) imputazzjoni, peress li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti tqis li hemm lok li jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qegħda tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza. Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem illi jekk huwa jwettaq xi reat ieħor fi żmien il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reati trattati f'dawn il-proċeduri.

Illi fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, qegħda tikkundannah għal multa ta' tlett mitt ewro (€300). Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien seba' (7) xhur u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tordna l-konfiska tal-ammont ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti parti mid-depożitu mpost fid-digriet li permezz tiegħu l-imputat ingħata l-ħelsien mill-arrest, minn din il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Caroline Farrugia Frendo nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024).

In vista ta' dak dikjarat mill-prosekuzzjoni, il-Qorti mhux qegħda tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni għar-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-imputat.

Ai termini tal-Artikolu 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti qegħda toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-

sigurtà ta' **Omissis**. Dan l-Ordni ta' Trażżin qiegħed jinħareġ għal perijodu ta' tliet snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qiegħed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu, kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

In vista tal-ħruġ ta' l-Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat, il-Qorti tastjeni milli tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġew nominati l-ebda esperti, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-parti leża Omissis sabiex tipproteġi l-identita' tagħha.

Il-Qorti qegħda tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li kopja tagħha tiġi nserita fil-proċeduri mertu tat-tielet (3) imputazzjoni.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara